IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2023
COM(2023) 531 final

2023/0264 (BUD)

Proposta għal

# ITTRA EMENDATORJA Nru 1 TAL-ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2024

## Stima aġġornata tal-ħtiġijiet għan-nefqa agrikola
## Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (…)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

– l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, kif adottat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Lulju 2023[3],

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Ittra Emendatorja Nru 1 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 għar-raġunijiet stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

## BIDLIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport ġenerali tan-nefqa u d-dħul kif ukoll fir-rapporti tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsima huma disponibbli fuq EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

[2] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

[3] COM(2023) 300 final, 5.7.2023.

## 1. INTRODUZZJONI

L-Ittra Emendatorja Nru 1 (IE 1/2024) għall-abbozz tal-baġit għall-2024 (AB 2024) tkopri l-elementi li ġejjin:

— Reviżjoni ’l isfel tal-ħtiġijiet għal-linja tal-imgħax għal NextGenerationEU, fl-isfond ta’ livell aktar baxx ta’ żborżi tan-NextGenerationEU fl-2023 milli kien stmat qabel;

— L-aġġornament tal-ħtiġijiet stmati, id-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola. Minbarra l-fatturi tas-suq li dejjem jinbidlu, l-IE 1/2024 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-agrikoltura minn meta ġie adottat l-AB 2024 f'Lulju 2023 kif ukoll proposti oħra li huma mistennija li jkollhom effett sinifikanti matul is-sena baġitarja;

— Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati għall-Ftehimiet ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs), filwaqt li jitqiesu l-ftehim iffirmat reċentement u l-protokoll relatat mar-Repubblika ta’ Madagascar u l-protokoll il-ġdid mar-Repubblika ta’ Kiribati li daħal f’applikazzjoni proviżorja fit-2 ta’ Ottubru 2023;

— Aġġustamenti għal-livell ta’ approprjazzjonijiet u/jew persunal ta’ diversi aġenziji deċentralizzati, b’mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi leġiżlattivi jew politiċi dwar l-operazzjonijiet tagħhom għall-2024 u l-ammonti li għandhom jiġu trasferiti mil-linji ta’ riżerva għal-linji operazzjonali wara l-adozzjoni ta’ proposti legali;

— It-trasferiment tar-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) lejn Orizzont Ewropa wara talba korrispondenti magħmula mil-Litwanja biex temenda l-programm tal-FEŻR tagħha skont l-Artikolu 26 tar-Regolament ta’ Proviżjonament Komuni[4];

— Aġġustamenti għall-intestatura 7 “Amministrazzjoni Pubblika Ewropea”, b’mod partikolari fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex tissaħħaħ aktar il-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC), inkluż kemm żieda fil-persunal kif ukoll tisħiħ tas-sistema ta’ komunikazzjoni u informazzjoni, kif ukoll aġġustamenti żgħar oħra għall-intestatura.

— Ammonti li għandhom jiġu trasferiti mil-linja ta’ riżerva għal-linja operazzjonali għall-Att b’Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) u l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) wara l-adozzjoni tal-atti bażiċi.

B’mod ġenerali, l-impatt nett tal-IE 1/2024 fuq in-nefqa fl-AB 2024 huwa tnaqqis ta’ EUR 67,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament.

Aktar informazzjoni dwar kull komponent hija pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-linji baġitarji rilevanti huma dettaljati fl-anness baġitarju, flimkien mal-aġġornament tad-dħul li jirriżulta mill-bidliet fin-nefqa inklużi f’din l-ittra emendatorja.

## 2. KOSTIJIET TA’ FINANZJAMENT TA’ NEXTGENERATIONEU

Fil-kuntest tal-AB 2024, il-Kummissjoni pproponiet tisħiħ tal-linja tal-imgħax tal-EURI b’EUR 1,9 biljun meta mqabbla mal-ipprogrammar finanzjarju għall-2024, abbażi ta’ projezzjonijiet tar-rati tal-imgħax u tal-iżborżi tal-NGEU sa tmiem l-2023 kif kienu f’dak iż-żmien.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159–706.

L-aħħar projezzjonijiet fuq il-linja EURI sat-8 ta' Ottubru 2023 jindikaw ammont totali ta' żborżi għall-appoġġ mhux ripagabbli fl-2023 ta' EUR 79.9 biljun, li huwa tnaqqis ta' madwar EUR 3 biljun meta mqabbel mal-pjan ta' żborż ikkunsidrat fl-AB 2024. F'dan ix-xenarju l-ġdid, li jqis ukoll rati tal-imgħax kemxejn ogħla u żieda ta' EUR 10 miljun tal-ammont li jista' jiġi riportat mis-sena 2023, il-kost stmat għal-linja tal-imgħax huwa ta' EUR 3 790 miljun, jiġifieri tnaqqis ta' EUR 74 miljun. Il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-linja tal-imgħax tal-EURI kif xieraq.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjoni jiet ta' impenn | Approprjazzjoni jiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 06 04 01 | Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi tal-maturità | -74 000 000 | -74 000 000 |
| **Total** | | **-74 000 000** | **-74 000 000** |

Bit-tnaqqis propost, ir-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku taħt is-subintestatura 2b jitnaqqas b'EUR 72,0 miljun għal EUR 300,8 miljun.

## 3. FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)

L-IE 1/2024 taġġorna l-istimi għan-nefqa agrikola abbażi tal-aktar data ekonomika u qafas leġiżlattiv aġġornati. Sa Settembru 2023, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-ewwel indikazzjoni tal-livell ta' produzzjoni għall-2023, u l-perspettiva għas-swieq agrikoli kif ukoll iċ-ċifri attwali għall-biċċa l-kbira tal-eżekuzzjoni baġitarja tal-2023 rigward il-ġestjoni kondiviża tal-FAEG, li huma l-bażi għall-istimi aġġornati tal-ħtiġijiet baġitarji għall-2024.

Minbarra li tqis il-fatturi tas-suq, l-IE 1/2024 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi fis-settur agrikolu minn meta ġie adottat l-AB 2024 f'Lulju 2023.

B'mod ġenerali, il-ħtiġijiet tal-FAEG għall-2024, inkluża r-riżerva għall-agrikoltura (li hija ffinanzjata minn ammont mhux minfuq tar-riżerva agrikola tal-2023 ta' EUR 200 miljun, kif ukoll mid-disponibbiltajiet tal-FAEG tal-2024), issa huma stmati għal EUR 41 450,6 miljun[5]. Din hija żieda ta' EUR 343 miljun meta mqabbla mal-AB 2024, li hija dovuta rispettivament għal (i) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 280 miljun għall-partita 08 02 01 "Riżerva agrikola", (ii) ħtiġijiet ogħla għall-miżuri tas-suq u l-interventi tal-Istati Membri b'EUR 61 miljun, prinċipalment minħabba l-ħtiġijiet kbar għas-settur tal-frott u l-ħaxix, u (iii) żieda żgħira ta' EUR 2 miljun għal nefqa oħra tal-FAEG.

Fl-2023, ġew adottati miżuri eċċezzjonali b'impatt finanzjarju globali ta' EUR 530 miljun biex jipprovdu appoġġ lill-bdiewa milquta mill-influwenza avjarja, biex jindirizzaw it-tfixkil fis-suq ikkawżat minn żieda fl-importazzjonijiet tal-qamħ Ukren fl-Istati Membri l-aktar esposti, kif ukoll biex jipprovdu assistenza lill-bdiewa milquta minn avvenimenti estremi tat-temp u problemi speċifiċi oħra. Dan l-ammont globali qabeż b'EUR 80 miljun id-disponibbiltajiet tar-riżerva agrikola tal-2023. Mill-EUR 450 miljun disponibbli, EUR 250 miljun huma mistennija li jintużaw fl-2023, abbażi tal-aħħar data ta' implimentazzjoni u l-forcasts tal-Istati Membri. L-ammont li jifdal ta' EUR 200 miljun se jiġi riportat għas-sena 2024 f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Orizzontali tal-PAK[6] u se jintuża għar-rimborż tan-nefqa tal-Istati Membri relatata ma' dawn il-miżuri eċċezzjonali adottati fl-2023 iżda mhallsa wara l-15 ta' Ottubru, u b'hekk tappartjeni għas-sena agrikola 2024. Barra minn hekk, biex tkun tista' tkopri bis-sħiħ il-legat tal-miżuri eċċezzjonali adottati fl-2023, f'konformità mal-

[5] L-ammont tal-ħtiġijiet jikkorrispondi għal EUR 40 602,1 miljun f'approprjazzjonijiet ġodda kif ukoll EUR 848,5 miljun fi dħul assenjat.

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187–261.

ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Orizzontali tal-PAK, il-Kummissjoni tipproponi li żżid l-approprjazzjonijiet il-ġodda tar-riżerva għall-agrikoltura tal-2024 għal EUR 530 miljun, jiġifieri żieda ta' EUR 80 miljun meta mqabbla mal-AB 2024. Dan se jippermetti li jinżammu EUR 450 miljun għal miżuri eċċezzjonali ġodda li jistgħu jiġu adottati s-sena d-dieħla biex jirrispondu għal tfixkil possibbli fis-suq ikkawżat mill-kuntest ġeopolitiku instabbli kontinwu u, dejjem aktar, minn avvenimenti klimatiċi negattivi madwar l-UE.

L-ammont ta' dħul assenjat li mistenni jkun disponibbli fl-2024 jiżdied minn EUR 505,5 miljun fl-AB 2024 għal EUR 848,5 miljun li jkopri bis-sħiħ il-ħtiġijiet addizzjonali. Iż-żieda mistennija fid-dħul assenjat toriġina mis-surplus mistenni tal-2023, li se jiġi riportat għall-2024 skont l-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju. Is-surplus joriġina mis-sottoeżekuzzjoni tar-riżerva għall-agrikoltura tal-2023 kif spjegat hawn fuq u sottoeżekuzzjoni relattivament żgħira tal-pagamenti diretti, kif ukoll dħul assenjat ogħla milli mistenni mill-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG.

Konsegwentement, l-ammont globali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn jibqa' l-istess, jiġifieri EUR 40 602,1 miljun, li jinkludi EUR 530 miljun għar-riżerva għall-agrikoltura. Dan l-ammont globali jikkorrispondi għall-bilanċ nett disponibbli għall-FAEG, inkluż l-effett tan-notifiki tal-Istati Membri fuq it-trasferimenti bejn il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali, u ma jħalli l-ebda marġni taħt is-sottolimitu massimu.

## 4. AĠĠORNAMENT TAL-FTEHIMIET TA' SHUBIJA DWAR SAJD SOSTENIBBLI

Il-Kummissjoni eżaminat l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli (SFPAs) u rrieżaminat il-ħtiġijiet mistennija għall-2024 abbażi tal-iżviluppi fil-proċessi tan-negozjati mal-pajjiżi terzi involuti, kif previst fil-punt C tal-Parti II tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA)[7]. Abbażi ta' dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tipproponi li ċċaqlaq approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament għal ammont ta' EUR 2 560 000 mir-riżerva (artikolu baġitarju 30 02 02) għall-artikolu operazzjonali (08 05 01 *Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi*). Dan it-trasferiment newtrali għall-baġit huwa relatat mal-SFPAs mar-Repubblika ta' Madagascar, li daħlu f'applikazzjoni proviżorja fl-1 ta' Lulju 2023 u mar-Repubblika ta' Kiribati, li daħlu f'applikazzjoni proviżorja fit-2 ta' Ottubru 2023.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn totali disponibbli għall-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jibqgħu l-istess, jiġifieri EUR 156,7 miljun, li minnhom EUR 66,9 miljun fir-riżerva u EUR 89,9 miljun fuq il-linja operazzjonali ewlenija.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 08 05 01 | Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi | 2 560 000 | 2 560 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01*) | -2 560 000 | - 2 560 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

[7] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433, 20.12.2020, p. 28.

## 5. AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW

### 5.1. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

Fl-ABE 4/2023[8], il-Kummissjoni pproponiet li żżid il-kontribuzzjoni tal-UE lill-UPPE għas-sigurtà tal-bini u tas-sistemi tal-IT, kif ukoll billi talloka tmien postijiet addizzjonali ta' aġenti temporanji. Il-baġit tal-2024 tal-UPPE huwa propost li jiżdied b'EUR 2 miljun biex ikopri tisħiħ ta' darba tal-IT u tas-sigurtà tal-bini kif ukoll is-salarji tal-persunal il-ġdid ippjanat li jiġi reklutat fl-2023 fuq bażi ta' sena sħiħa.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjoni jiet ta' impenn | Approprjazzjoni jiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 07 10 08 | Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) | 2 000 000 | 2 000 000 |
| **Total** | | **2 000 000** | **2 000 000** |

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

### 5.2. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

Wara l-istabbiliment taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA), l-Eurojust ser tipprovdi appoġġ operazzjonali, legali, finanzjarju u loġistiku, inkluż għall-preservazzjoni, il-ħżin u l-analiżi tal-evidenza. Din il-ħidma hija essenzjali għat-tħejjija ta' proċessi futuri, kemm quddiem qrati nazzjonali kif ukoll internazzjonali, inkluż quddiem tribunal li possibbilment jinħoloq għar-reat ta' aggressjoni jew quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) fir-rigward ta' reati fil-ġurisdizzjoni tagħha. Il-kompiti addizzjonali korrispondenti tal-ICPA għall-Eurojust jeħtieġu tisħiħ tat-tabella tal-persunal tal-aġenzija minn erba' aġenti temporanji fl-2024. It-tisħiħ relatat tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-Eurojust se jitħallas mill-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni għall-kompiti tal-ICPA, u b'hekk ma jeħtiġux approprjazzjonijiet addizzjonali mill-baġit tal-UE.

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

### 5.3. Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA")

Wara l-konklużjoni tan-negozjati politiċi dwar ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża[9], il-baġit għall-eu-LISA jeħtieġ li jiġi aġġornat għall-2024 f'konformità mad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva aġġornata. Dan jinvolvi tnaqqis fl-għadd ta' aġenti temporanji (minn ħamsa għal wieħed) u tal-aġenti kuntrattwali (minn tlieta għal żero). Il-qbil politiku milħuq jimplika wkoll tnaqqis tal-approprjazzjonijiet meħtieġa fl-2024. Mill-ammont previst ta' EUR 19 945 000 f'riżerva għal dan ir-Regolament, li ġie paċut mill-Istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi (BMVI), huwa propost li jiġu trasferiti EUR 86 000 għal-linja operazzjonali u EUR 19 859 000 lura għall-BMVI.

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjoni jiet ta' impenn | Approprjazzjoni jiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 11 10 02*) | -19 945 000 | -19 945 000 |
| 11 10 02 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA") | 86 000 | 86 000 |

8 COM(2023)530

9 COM(2022) 658

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11 02 01 | Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi | 19 859 000 | 19 859 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

## 5.4. Trasferimenti mir-riżervi għal-linji operazzjonali tal-aġenziji deċentralizzati minħabba l-adozzjoni ta' atti legali.

Minħabba l-adozzjoni imminenti jew li diġà seħħet tal-atti legali li ġejjin mill-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni tipproponi li tittrasferixxi l-ammonti attwalment imqiegħda f'riżervi għall-implimentazzjoni ta' dawn l-atti legali għal-linji operazzjonali tal-aġenziji deċentralizzati kkonċernati:

- ***Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) (02 10 01)***: Wara l-ftehim politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli[10], ammont ta' EUR 2 774 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament se jiġi trasferit mil-linja ta' riżerva għal-linja operazzjonali.
- ***Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) (02 10 02)***: Wara l-adozzjoni tar-Regolament 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE[11], ammont ta' EUR 1 191 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament se jiġi ttrasferit mil-linja ta' riżerva għal-linja operazzjonali.
- ***L-awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) (03 10 04)***: Wara l-ftehim politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni dwar Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew[12], ammont ta' EUR 1 007 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament se jiġi trasferit mil-linja ta' riżerva għal-linja operazzjonali.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ammonti li huma proposti li jingħibdu mir-riżerva wara l-adozzjoni tal-atti bażiċi korrispondenti:

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjoniji et ta' impenn | Approprjazzjoniji et ta' pagament |
|---|---|---|---|
| 02 10 01 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) | 2 774 000 | 2 774 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati *(Riżerva għall-artikolu baġitarju 02 10 01)* | -2 774 000 | -2 774 000 |
| 02 10 02 | L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) | 1 191 000 | 1 191 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati *(Riżerva għall-artikolu baġitarju 02 10 02)* | - 1 191 000 | -1 191 000 |
| 03 10 04 | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) | 1 007 000 | 1 007 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati *(Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 10 04)* | - 1 007 000 | -1 007 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

## 6. TRASFERIMENT TAR-RIŻORSI TAL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI LEJN ORIZZONT EWROPA GĦAL-LITWANJA

Wara t-talba tal-Litwanja f'emenda tal-programm tal-FEŻR tagħha[13] għat-trasferiment tar-riżorsi skont l-Artikolu 26 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR), jistgħu jiġu implimentati riżorsi addizzjonali taħt Orizzont Ewropa f'konformità mar-regoli tal-istrument, għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. L-approprjazzjonijiet huma miktuba fuq linji baġitarji separati.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi l-bidliet li ġejjin għal-linji baġitarji kkonċernati fl-AB 2024:

*EUR*

10 COM(2021) 561
11 ĠU L234, 22.09.2023 p.48-100.
12 COM(2021) 725
13 COM(2023) 3269

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjoni jiet ta' impenn | Approprjazzjoni jiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 05 02 01 | FEŻR — Nefqa operazzjonali | -10 543 750 | 0 |
| 05 02 09 | Orizzont Ewropa — Kontribuzzjoni mill-FEŻR | 10 543 750 | 0 |
| **Total** | | **0** | **0** |

## 7. AĠĠUSTAMENTI GĦALL-INTESTATURA 7 "AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA"

### AĠĠUSTAMENTI TAS-7.1 GĦAN-NEFQA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA (SEAE) GĦAŻ-ŻIEDA TA' SNES MILITARI

Fid-dikjarazzjoni tal-Estimi tiegħu għall-2024, is-SEAE indika li għadd ta' diskussjonijiet li għaddejjin kienu għadhom ma laħqux maturità suffiċjenti biex jiġġustifikaw l-inklużjoni tar-riżorsi korrispondenti fl-Abbozz tal-Baġit tal-2024 iżda jistgħu jsiru parti minn Ittra Emendatorja fi stadju aktar tard.

Fost dawn l-azzjonijiet, il-Pjan Direzzjonali tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) avvanzat biżżejjed biex jiġi inkluż fl-Ittra Emendatorja. L-Istati Membri ddikjaraw fil-Boxxla Strateġika li huma "jiżguraw li l-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija tkun kompletament kapaċi tippjana, tikkontrolla u tikkmanda kompiti u operazzjonijiet mhux eżekuttivi u eżekuttivi, kif ukoll eżerċizzji diretti. F'dan il-kuntest, ser inżidu l-kontribuzzjonijiet tal-persunal u niżguraw li jkollna s-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni meħtieġa, kif ukoll il-faċilitajiet meħtieġa".

Fid-dawl tal-ambizzjoni maqbula fil-Boxxla Strateġika għall-iżvilupp futur tal-MPCC bħala l-istruttura ppreferuta ta' kmand u kontroll, it-tisħiħ meħtieġ tar-riżorsi tagħha jseħħ permezz ta':

- il-finanzjament ta' 55 SNEs Militari kondiviżi bi spejjeż, li minnhom 20 se jissostitwixxu SNEs mingħajr ħlas inklużi fl-ABE 4/2023, u b'hekk il-persunal tal-MPCC żdied għal total ta' 115. Dan se jeħtieġ żieda fl-approprjazzjonijiet ta' EUR 3 394 400.
- il-finanzjament parzjali tal-azzjonijiet meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż għas-SEAE bħala Fornitur ta' Servizzi tas-Sistema Unika ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (CIS) għall-MPCC (il-bqija ser jitħallsu mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi). Fil-kuntest tal-appoġġ militari tal-UE lill-Ukrajna l-ambjent tas-sigurtà nbidel b'mod drammatiku, u b'hekk il-mili tal-lakuni eżistenti tas-CIS sar neċessità. Dan se jeħtieġ żieda fl-approprjazzjonijiet ta' EUR 4 126 000 li jkopru b'mod partikolari kemm il-finanzjament tas-Servizz CIS kif ukoll ta' erba' esperti relatati.
- il-finanzjament ta' erba' aġenti kuntrattwali għas-Servizzi ta' Appoġġ tas-CIS. Huwa għalhekk propost li l-approprjazzjonijiet jiżdiedu b'EUR 414 700.

L-elementi kollha ta' hawn fuq jikkorrispondu għal żieda fit-Taqsima X tas-SEAE b'total ta' EUR 7 935 100.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima X – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)* | | | |
| 1 2 0 0 | Persunal bil-Kuntratt | 414 700 | 414 700 |
| 1 2 0 5 | Esperti militari nazzjonali ssekondati | 3 394 400 | 3 394 400 |
| 2 1 0 0 | Teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni | 2 271 000 | 2 271 000 |
| 2 1 0 1 | Kriptografija u teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' kunfidenzjalità għolja | 1 855 000 | 1 855 000 |
| **Total** | | **7 935 100** | **7 935 100** |

### 7.2 AĠĠUSTAMENTI GĦALL-INFIQ TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI (QEA)

Wara żball klerikali, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri naqset milli tinkludi fit-talba tal-baġit tagħha għall-2024 ammont ta' EUR 330 000 relatat mal-miżati annwali miġbura lura mill-Kummissjoni għall-użu tal-applikazzjoni għal ħlas (PNA) u Sysper. Għalhekk qed jiġi propost li tiżdied il-linja baġitarja relatata skont dan.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima V - Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri* | | | |
| 2 1 0 2 | Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tas-softwer u s-sistemi | 330 000 | 330 000 |
| **Total** | | **330 000** | **330 000** |

### 7.3 AĠĠUSTAMENTI GĦAN-NEFQA TAL-PARLAMENT EWROPEW (PE)

Fil-kuntest tat-trattament tal-fajls tal-qgħad tal-ex assistenti parlamentari, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) bħalissa qed jiffattura lill-Parlament Ewropew (PE) biex ikopri l-ammont ta' xogħol relatat. Minħabba n-natura rikorrenti ta' dan is-servizz, b'livelli massimi partikolari wara l-elezzjonijiet Ewropej, ġie miftiehem bejn il-PMO u l-PE li parti mill-baġit annwali totali għandha tiġi allokata direttament lill-PMO minflok lill-PE, biex b'hekk il-PMO jkun jista' jirrekluta l-aġenti kuntrattwali meħtieġa għall-ġestjoni ta' dawn il-fajls fuq bażi permanenti. L-ispiża li jifdal, li se tiddependi mill-volum annwali reali tal-fajls li għandhom jiġu ġestiti, se tkompli tiġi fatturata lill-PE.

Konsegwentement, huwa propost li jiġi inkluż dan it-trasferiment newtrali għall-baġit, li jirriżulta fi tnaqqis tat-talba baġitarja tal-PE għall-2024 b'EUR 300 000 b'żieda ekwivalenti tal-baġit tal-PMO.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima I – Il-Parlament Ewropew* | | | |
| 1 4 0 0 | Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi | - 300 000 | -300 000 |
| *Taqsima III — Il-Kummissjoni Ewropea* | | | |
| O3 01 02 | Persunal estern | 300 000 | 300 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

### 7.4 AĠĠUSTAMENTI GĦAN-NEFQA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni tipproponi li AL1/2024 tinkludi tnaqqis ta' EUR 3,7 miljun tan-nefqa fuq is-salarji fil-Kummissjoni biex jitqies l-impatt tat-tnaqqis fil-grad ta' 78 postijiet AST għal AST-SC, li jirrifletti d-deċiżjoni reċenti tal-Kummissjoni[14] fir-rigward tal-pjan ta' stabbiliment tal-2023 skont l-Artikolu 53 tar-Regolament Finanzjarju.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 20 01 02 01 | Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza | -3 677 000 | -3 677 000 |
| **Total** | | **-3 677 000** | **-3 677 000** |

B'mod ġenerali, l-effett ikkombinat fuq in-nefqa stmata fl-Abbozz tal-Baġit tal-2024 għall-intestatura 7 huwa żieda ta' EUR 4,6 miljun għan-nefqa amministrattiva, filwaqt li n-nefqa għall-pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej tibqa' l-istess.

[14] C (2023) 5001 final, 11.7.2023.

L-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

*Ammonti f'Miljuni ta' EUR*

| | AB 2024 | Ittra Emendatorja 1 għall-AB 2024 | AB 2024 b'AL1 |
|---|---|---|---|
| **Pensjonijiet u Skejjel Ewropej** | 2 812,6 | | 2 812,6 |
| Pensjonijiet | 2 565,5 | | 2 565,5 |
| Skejjel Ewropej | 247,2 | | 247,2 |
| **Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet** | 9 137 | 7,3 | 9 144,3 |
| Il-Kummissjoni | 4 221,4 | -3,4 | 4 218,1 |
| Istituzzjonijiet oħra | 4 915,6 | 10,7 | 4 926,2 |
| Parlament Ewropew | 2 354,9 | -0,3 | 2 354,6 |
| Kunsill Ewropew u Kunsill | 676,8 | | 676,8 |
| Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 502,4 | | 502,4 |
| Qorti tal-Awdituri | 184,8 | 0,3 | 185,1 |
| Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew | 164,9 | | 164,9 |
| Kumitat tar-Reġjuni | 121,9 | | 121,9 |
| Ombudsman Ewropew | 13,7 | | 13,7 |
| Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data | 23,9 | | 23,9 |
| Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna | 872,2 | 7,9 | 880,1 |
| **Total** | **11 949,6** | **4,6** | **11 954,2** |

Konsegwentement, ir-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku taħt l-intestatura 7 jeħtieġ li jiżdied b'ammont ta' EUR 4,6 miljun meta mqabbel mal-AB 2024, li jwassal għall-użu tal-Artikolu 11(1)(a) tal-Istrument ta' Marġini Uniku għal ammont ta' EUR 181,2 miljun fl-2024 sabiex jikkonforma mal-obbligi legali kollha. B'mod ġenerali, madankollu, in-nefqa totali għall-amministrazzjoni taħt l-intestatura 7 fil-perjodu 2021-2024 għadha fil-limiti massimi stabbiliti għal din l-intestatura fir-Regolament QFP, peress li l-marġnijiet mhux użati fl-intestatura 7 fl-2021-2022 ammontaw għal EUR 467 miljun.

## 8. TRASFERIMENT MIL-LINJA TA' RIŻERVA GĦAL-LINJI OPERAZZJONALI

Minħabba l-adozzjoni tal-atti legali korrispondenti mill-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni tipproponi li tittrasferixxi l-ammonti attwalment imqiegħda f'riżervi għall-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP)[15] u l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA)[16] għal-linji operazzjonali tal-programmi kkonċernati, kif ġej:

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjoni jiet ta' impenn | Approprjazzjoni jiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 13 06 01 | Strument tad-Difiża fuq Medda Qasira dwar akkwist komuni | 259 972 301 | 100 000 000 |
| 13 07 01 | Strument għat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża | 343 000 000 | 78 500 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 13 06 01*) | -259 972 301 | -100 000 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 13 07 01*) | -343 000 000 | -78 500 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

15 Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP), ĠU L 185, 24.7.2023, p. 7–25.

16 Ir-Regolament (UE) 2023/xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx ta' Settembru 2023 dwar l-istabbiliment tal-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni, ĠU L xxx, xx.10.2023, xxx.

## 9. FINANZJAMENT

B’mod ġenerali, l-impatt nett tal-IE 1/2024 fuq in-nefqa fl-AB 2024 huwa tnaqqis ta’ EUR 67,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament.

L-impatt ikkombinat tat-tnaqqis tal-kostijiet ta’ finanzjament fuq il-linja tal-imgħax tal-EURI u ż-żieda fin-nefqa għall-Intestatura 7 iwasslu għal tnaqqis tal-ammonti proposti li għandhom jiġu mobilizzati mill-Istrument ta’ Marġini Uniku b’EUR 67,4 miljun.

## 10. TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

| | Abbozz ta' Bağit 2024 | | Ittra Emendatorja 1 għall-Abbozz tal-Bağit 2024 | | Abbozz ta' Bağit 2024 ink. AL1 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **AI** | **AP** | **AI** | **AP** | **AI** | **AP** |
| **1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali** | **21 431 352 987** | **20 916 212 003** | | | **21 431 352 987** | **20 916 212 003** |
| **li minnhom taht l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Limitu*** | *21 598 000 000* | | | | *21 598 000 000* | |
| ***Marġni*** | *166 647 013* | | | | *166 647 013* | |
| **2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri** | **74 979 363 449** | **34 186 039 329** | **-72 000 000** | **-72 000 000** | **74 907 363 449** | **34 114 039 329** |
| **li minnhom taht l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | *1 335 350 949* | | | | *1 335 350 949* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | *372 816 884* | | *-72 000 000* | | *300 816 884* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Limitu*** | *73 289 000 000* | | | | *73 289 000 000* | |
| ***Marġni*** | *17 804 384* | | | | *17 804 384* | |
| 2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 64 665 195 616 | 24 155 654 152 | | | 64 665 195 616 | 24 155 654 152 |
| **li minnhom taht l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Limitu*** | *64 683 000 000* | | | | *64 683 000 000* | |
| ***Marġni*** | *17 804 384* | | | | *17 804 384* | |
| 2b. Reżiljenza u l-valuri | 10 314 167 833 | 10 030 385 177 | -72 000 000 | -72 000 000 | 10 242 167 833 | 9 958 385 177 |
| **li minnhom taht l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | *1 335 350 949* | | | | *1 335 350 949* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | *372 816 884* | | *-72 000 000* | | *300 816 884* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Limitu*** | *8 606 000 000* | | | | *8 606 000 000* | |
| ***Marġni*** | | | | | | |
| **3. Riżorsi naturali u Ambjent** | **57 388 890 839** | **54 232 567 941** | | | **57 388 890 839** | **54 232 567 941** |
| **li minnhom taht l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Limitu*** | *57 449 000 000* | | | | *57 449 000 000* | |
| ***Marġni*** | *60 109 161* | | | | *60 109 161* | |
| **Li minnu: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti** | **40 602 078 000** | **40 590 282 213** | | | **40 602 078 000** | **40 590 282 213** |
| *Sublimitu massimu tal-FAEG* | *40 603 000 000* | | | | *40 603 000 000* | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Ittondjar tad-differenza eskluża għall-kalkolu tas-sottomarġni* | *922 000* | | | | *922 000* | |
| *Trasferimenti netti bejn l-FAEG u l-FAEŻR* | | | | | | |
| *Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG* | *40 602 078 000* | | | | *40 602 078 000* | |
| *Sublimitu aġġustat tal-FAEG ikkoreġut mit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR* | *40 603 000 000* | | | | *40 603 000 000* | |
| *Submarġni tal-FAEG* | *922 000* | | | | *922 000* | |
| *Submarġni tal-FAEG (eskluża d-differenza tal-ittondjar)* | | | | | | |
| **4. Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri** | **3 896 705 671** | **3 257 967 443** | | | **3 896 705 671** | **3 257 967 443** |
| ***Limitu*** | *4 020 000 000* | | | | *4 020 000 000* | |
| **li minnhom taħt l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Marġni*** | *123 294 329* | | | | *123 294 329* | |
| **5. Sigurtà u Difiża** | **2 304 177 926** | **2 028 413 531** | | | **2 304 177 926** | **2 028 413 531** |
| ***Limitu*** | *2 004 000 000* | | | | *2 004 000 000* | |
| **li minnhom taħt l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | *300 177 926* | | | | *300 177 926* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Marġni*** | | | | | | |
| **6. Viċinat u d-Dinja** | **15 830 000 000** | **15 111 157 313** | | | **15 830 000 000** | **15 111 157 313** |
| **li minnhom taħt l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | | | | | | |
| ***Limitu*** | *15 830 000 000* | | | | *15 830 000 000* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Marġni*** | | | | | | |
| **7. Amministrazzjoni pubblika Ewropea** | **11 949 625 456** | **11 949 625 456** | **4 588 100** | **4 588 100** | **11 954 213 556** | **11 954 213 556** |
| ***Limitu*** | *11 773 000 000* | | | | *11 773 000 000* | |
| **li minnhom taħt l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | *176 625 456* | | *4 588 100* | | *181 213 556* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Marġni*** | | | | | | |
| **li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet** | **9 137 000 694** | **9 137 000 694** | **4 588 100** | **4 588 100** | **9 141 588 794** | **9 141 588 794** |
| ***Sublimitu massimu*** | *9 006 000 000* | | | | *9 006 000 000* | |
| **li minnhom taħt l-Istrumenti ta' Flessibbiltà** | | | | | | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | *131 000 694* | | *4 588 100* | | *135 588 794* | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Marġni*** | | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Pensjonijiet u Skejjel Ewropej | 2 812 624 762 | 2 812 624 762 | | | 2 812 624 762 | 2 812 624 762 |
| *Pensjonijiet* | *2 565 464 000* | *2 565 464 000* | | | *2 565 464 000* | *2 565 464 000* |
| *Skejjel Ewropej* | *247 160 762* | *247 160 762* | | | *247 160 762* | *247 160 762* |
| Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 9 137 000 694 | 9 137 000 694 | 4 588 100 | 4 588 100 | 9 141 588 794 | 9 141 588 794 |
| *Parlament Ewropew* | *2 354 855 881* | *2 354 855 881* | *-300 000* | *-300 000* | *2 354 555 881* | *2 354 555 881* |
| *Kunsill Ewropew u Kunsill* | *676 842 943* | *676 842 943* | | | *676 842 943* | *676 842 943* |
| *Il-Kummissjoni* | *4 221 445 825* | *4 221 445 825* | *-3 377 000* | *-3 377 000* | *4 218 068 825* | *4 218 068 825* |
| *Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* | *502 443 711* | *502 443 711* | | | *502 443 711* | *502 443 711* |
| *Qorti Ewropea tal-Awdituri* | *184 803 430* | *184 803 430* | *330 000* | *330 000* | *185 133 430* | *185 133 430* |
| *Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew* | *164 945 524* | *164 945 524* | | | *164 945 524* | *164 945 524* |
| *Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni* | *121 878 345* | *121 878 345* | | | *121 878 345* | *121 878 345* |
| *Ombudsman Ewropew* | *13 667 466* | *13 667 466* | | | *13 667 466* | *13 667 466* |
| *Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data* | *23 921 966* | *23 921 966* | | | *23 921 966* | *23 921 966* |
| *Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna* | *872 195 603* | *872 195 603* | *7 935 100* | *7 935 100* | *880 130 703* | *880 130 703* |
| **Approprjazzjonijiet għall-intestaturi** | **187 780 116 328** | **141 681 983 016** | **-67 411 900** | **-67 411 900** | **187 712 704 428** | **141 614 571 116** |
| ***Limitu*** | ***185 963 000 000*** | ***170 543 000 000*** | | | ***185 963 000 000*** | ***170 543 000 000*** |
| ***Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà*** | ***1 635 528 875*** | ***1 747 272 316*** | | | ***1 635 528 875*** | ***1 747 272 316*** |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (a))** | ***549 442 340*** | | ***-67 411 900*** | | ***482 030 440*** | |
| **li minnhom l-Istrument ta' Marġini Uniku (l-Artikolu 11(1), il-punt (c))** | | | | | | |
| ***Marġni*** | ***367 854 887*** | ***30 608 289 300*** | | ***67 411 900*** | ***367 854 887*** | ***30 675 701 200*** |
| **Approprjazzjonijiet bħala % tal-ING** | **1,06 %** | **0,80 %** | **0,00 %** | **0,00 %** | **1,06 %** | **0,80 %** |
| **Strumenti speċjali tematiċi** | **1 560 861 211** | **1 371 395 001** | | | **1 560 861 211** | **1 371 395 001** |
| *Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR)* | *1 351 395 001* | *1 351 395 001* | | | *1 351 395 001* | *1 351 395 001* |
| *Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)* | *209 466 210* | *20 000 000* | | | *209 466 210* | *20 000 000* |
| *Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)* | *p.m.* | *p.m.* | | | *p.m.* | *p.m.* |
| **Total tal-approprjazzjonijiet** | **189 340 977 539** | **143 053 378 017** | **-67 411 900** | **-67 411 900** | **189 273 565 639** | **142 985 966 117** |